# Profili: Surmastrijiet tal-Banda Żejtun



## Mro. Onorato Gauci
## (1930 – 1931)

L-ewwel surmast li kellha l-Banda dak iż-żmien iż-Żejtun Jazz Banda kien is-Surmst Onorato Gauci. Kienet is-seduta tat-22 ta' Mejju 1930 meta Salvu pace ressaq talba biex il-kumitat jaħtar Direttur għall-Banda. Huwa għalhekk ippropona lis-Surmast Onorato Gauci biex ikun is-Surmast Direttur. Is-Surmast Onorato Gauci dam sas-sena 1931.



## Mro. Ġużeppi Maria Dalli
## (1931 – 1939)

Is-Surmast Ġużeppi Maria Dalli twieled fl-1881 ġewwa Benghazi fejn Missieru Vincenzo kien jaħdem mas-Servizzi Inglizi. Huwa tgħallem il-mużika fi ħdan l-Għaqda Mużikali Beland fejn kien idoqq il-kornu. Kien ukoll assistent surmast.

Meta fil-bidu tas-snin 30 saret firda fi ħdan il-Banda Beland, is-surmast G. M. Dalli ħa t-tmexxija tal-Banda Żejtun. Dan kien fl-1931 b'hekk sar l-ewwel surmast tal-Banda Żejtun għaliex l-Għaqda Banda Żejtun twaqqfet nhar l-20 ta' Settembru 1933. Fost il-ħafna xogħlijiet li kkompona nsibu l-Marcia Sinfonika La Libertà li ndaqqet fl-ewwel programm li għamlet iż-Żejtun Banda fis-17 ta' Settembru, 1933, is-Surmast Ġużeppi Maria Dalli miet iż-Żejtun fl-1948.



## Mro. Hector H. Dalli
## (1939 - 1952) A.Mus.LCM

Hector H. Dalli twieled iż-Żejtun nhar it-18 ta' Ġunju 1914 bin Ġużeppi Maria Dalli, l-ewwel surmast. Hector kien pjanista tajjeb u kien jakkumpanja bil-pjanu waqt il-films *silent*. Meta twaqqfet il-Banda Żejtun huwa kien ass. surmast. Hector Dalli studja taħt missieru u wara kompla fl-istudju ta' l-armonija kontrapunta u orkestrazzjoni taħt Mro. Casapinta. Fl-1939 ġab l-A.Mus. LCM u fl-istess sena nħatar Surmast Direttur tal-Banda Żejtun.

Fost il-marċi brijużi li baqgħu popolari nsemmu l-Victory u l-Putatta. Hector Dalli miet nhar l-1 ta' Novembru 1980.



## Mro. Edgar Lowell
## (1952 – 1976)

Inwieled il-Ħamrun, tħarreġ fil-klarinett ta' età żgħira għal sitt snin taħt Giorgio Compagno. Fis-sena 1925 ingħaqad ma' l-orkestra tat-Teatru Rjal bħala klarinettista.

Is-Surmast Lowell tħarreġ ukoll fl-armonija u strumentazzjoni għand is-Surmast Ġużeppi Stivala u Carmelo Pace. Bejn l-1968 u l-1970 is-Surmast Lowell għamilha ta' Aġent Direttur tal-Banda Nazzjonali La Valette, waqt li mis-sena 1952 sa l-1976 kien Surmast Direttur tal-Banda Żejtun. Mill-1958 sa l-1970 kien Surmast Direttur tal-Banda La Stella t'Għawdex.

Is-Surmast Edgar Lowell miet nhar il-11 ta' Frar, 1991.



## Mro. Paul Buttigieg
## (1976 – 1978) A.Mus. LCM

Il-ħames Surmast Direttur tal-Banda Żejtun kien Mro. Paul Buttiġieġ li ħa l-kariga fl-1976 u dam sa l-1978. Is-Surmast Paul Buttigieg twieled il-Birgu nhar it-12 t'Ottubru ta' l-1935. Fl-1963 sar ass. surmast tal-banda Maria Mater Gratiae – Żabbar. Fl-1971 kiseb id-Diploma AMus. LCM. Kien ukoll surmast direttur mal-Banda Marija

Annunzjata – Tarxien fl-1975. Matul dan iż-żmien ikkompona diversi xogħlijiet fosthom. Innu Marċia Santa Katarina VM (1970), Marcia Sinfonika Aria di Festa (1997) u Sinfonija s-70 Anniversarju tal-Banda Żejtun (2003).



## Mro. Joseph M. Barbara (1978 – 1984) A.Mus.LCM

Mro. Joseph M. Barbara twieled Marsaxlokk nhar it-13 ta' April 1916, iżda ta' sentejn il-familja tiegħu telgħet iż-Żejtun fejn baqa' joqgħod. Huwa beda l-karriera mużikali tiegħu bħala alliev u bandist mal-Banda Beland. Is-Surmast Barbara beda jistudja t-teorija taħt is-surmast Jimmy Worley u l-armonija u kontrapunta taħt is-surmast Vicenzo Costa. Fl-1945 inħatar surmast direttur tal-Banda Santa Marija, Għaxaq. Fl-1960 inħatar surmast direttur tal-Banda Għaxaq. Kien surmast direttur tal-baned, Trinità Qaddisa, Marsa (1956) u l-Banda Żejtun (1978) Mro. Joseph Barbara miet nhar id-9 ta' Ġunju 2004 fl-età ta' 88 sena.

Fost ix-xogħlijiet li kkompona nsibu Innu Santa Katarina VM għall-banda Kor, Tenur u Baxx (1980) u Innu lis-Ssma. Trinità Qaddisa għall-Banda, Kor, tenur u Baxx (1957). Għal dawk li huma marċi popolari jissemmew id-Daniela u l-Vanessa. Il-marċ Daniela indaqq għall-ewwel darba fit-Teatru Manuel fl-1982 waqt il-konkors tal-baned.



## Mro. John J. Pace (1984 – 2006)

John J. Pace twieled fil-31 ta' Jannar 1945 u beda l-karriera mużikali tiegħu meta kellu biss 11-il sena mas-soċjetà Filarmonika Maria Mater Gratiae – Żabbar. Is-Surmast Pace ħa kors ta' ħames snin fl-armonija avvanzata u kuntrapunt taħt il-mibki Surmast Carmelo Pace. It-teknika kollha li tirrkjedi l-banda ħadha mingħand is-surmast Carmelo Caruana. Mro. John J. Pace kien surmast direttur tal-baned, Santa Marija, Għaxaq (22 sena), Annunzjata – Tarxien (10 snin), San Mikiel, Żabbar (10 snin), Prince of Wales – Birgu (10 snin), San Ġużepp – Kalkara (16-il sena), Stella Maris – Sliema (12-il sena), Żejtun (22 sena) u Sant'Anna Wied il-Għajn fejn għadu surmast fil-preżent. Kien ukoll direttur tal-Banda Nazzjonali mill-1984 sa l-1992.

Huwa kkompona diversi xogħlijiet fosthom insemmu Innu lill-Banda Żejtun li ndaqq għall-ewwel darba meta l-Banda Żejtun żanżnet il-planċier tagħha fl-1985, u sinfonija għall-istess okkażjoni, bl-isem ta' b'saħħet il-ħaddiem. Xogħol ieħor jinkludi sinfonija 25 sena President lis-Sur Joe Attard, President ta' l-Għaqda Banda Żejtun (2003) u talba lil Santa Katarina għall-Mezzo Sopran u kor ta' 4 vuċijiet (2005), fl-okkażjoni ta' 1700 mill-martirju ta' Sta. Katarina VM,



## Mro. Raymond Zammit FLCM

Is-Surmast Raymond Zammit twieled nhar is-16 ta' Marzu f'Ħ'Attard. Huwa beda l-lezzjonijiet tal-mużika fl-età ta' seba' snin. Ħa l-ewwel lezzjonijiet tal-klarinett mingħand Monreale, fil-każin tal-Banda Duke of Connaught, Birkirkara, kif wkoll mingħand Alfred Mizzi fejn irnexxielu jtemm b'suċċess l-ALCM, LVCM & FCVM fid-daqq tal-klarinett. Raymond Zammit studja l-armonija, kontrapunt u fuga ma' R. Debattista fejn kiseb AMusLCM, LMusLCM. Huwa studja l-kompożizzjoni ma' P. Grech u R. Sciberras fejn kiseb ukoll FLCM tal-kompożizzjoni.

Huwa kkompona diversi kompożizzjonijiet fosthom tliet Oratorji lil San Girgor, lil Santa Katarina kif wkoll lil San Nikola, marċi brijużi, funebri u dramm mużikali – Il-Golgota. Fil-preżent Mro. Ray Zammit huwa surmast direttur tal-Baned: San Girgor – Sliema, San Nikola – Siġġiewi u l-Banda Żejtun.